MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 796/2002

**Joseph Spiteri bhala legittimu rapprezentant ta' uliedu minuri David Jonathan u Luke ahwa Spiteri.**

**vs**

**Jane Spiteri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Lulju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendent zzewgu b'mod civili fil-hdax ta' Lulju elf, disa' mija u sebgha u tmenin (11/07/1987) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg itfal David Jonathan u Luke t-tnejn minorenni.

Illi huma sseparaw bonarjament in forza ta’ kuntratt tas-sebgha u ghoxrin ta’ Gunju tas-sena elfejn (27/06/2000) in atti Nutar Dottor Isabelle Gonzi.

Ili b’digriet numru elf seba’ mija u wiehed u sittin (1761) (Dok. “A” hawn unit) datat sebgha ta’ Dicembru tas-sena elfejn (07/12/2000) tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, il-kura u kustodja taz-zewgt itfal minuri giet fdata f’idejn l-istanti.

Illi peress li l-imsemmija tfal minuri qed jigu mantnuti kompletament mill-attur li ghal uliedu qed jaghmilha kemm ta’ missier u kemm ta’ omm, u l-konvenuta ma hija qed tikkontribwixxi xejn lejn il-manteniment ta’ wliedha minuri.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill din il-Qorti sabiex:-

(1)Tiddikjara li l-konvenuta hija obbligata li tmantni lill-minuri uliedha David Jonathan u Luke, ossija li tikkontribwixxi lejn il-manteniment ta’ l-istess minuri.

(2) Tillikwida l-manteniment hekk pagabbli mill-istess kovenuta lill-attur ghall-htigijet ta’ l-imsemmija tfal minuri David Jonathan u Luke, liema retta tkun revedibbli minn zmien ghal zmien skond kif jigi stabbilit minn dina l-Qorti.

(3) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur ir-retta alimentarja hekk likwidata minn din il-Qorti, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti f’dan ir-rigward mill-istess Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 16 ta’ Ottubru 2002 ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja a fol. 17 tal-process.

Rat id-digriet datat 16 ta’ Ottubru 2002 a fol. 20 tal-process.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Ottubru 2002 u d-digriet tan-notifika ta’ l-istess rikors.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 15 ta’ Jannar 2003 fejn ipprezentat l-affidavit taghha datat 15 ta’ Jannar 2002 a bazi ta’ l-istess digriet imsemmi tas-17 ta’ Ottubru 2002, u d-dokument maghha anness datat 7 ta’ Novembru 2002, a fol. 33 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 21 ta’ Jannar 2003 a fol. 35 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 21 ta’ Jannar 2003 a fol. 36 tal-process fejn huwa esebixxa dokument datat 7 ta’ Novembru 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Jannar 2003 fejn xehdet bil-gurament il-konvenuta Jane Spiteri. Dr. Antoncich irtira d-dokument datat 7 ta’ Novembru 2002 u ddikjara li l-attur ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-konvenuta tipprezenta n-nota ta’ eccezzjonijiet taghha u in vista ta’ dan il-Qorti pprefigiet terminu ta’ 20 gurnata sabiex il-konvenuta tipprezenta l-istess eccezzjonijiet; il-partijiet obbligaw ruhhom ma-Qorti li ghall-mument m’ghandhomx ikollhom kuntatt ma’ xulxin hlief *tramite* l-avukati. Inghata digriet affidavits ta’ erbghin (40) jum kull parti, u giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli li giet ordnata sabiex tiffissa erba’ seduti ghall-provi kollha tal-partijiet fil-mori, liema provi ma jkunux produccibbli bl-affidavits u l-provi tal-partijiet gew b’hekk ddikjarati maghluqa wara tali seduti.

Rat ix-xhieda tal-konvenuta datata 28 ta’ Jannar 2003.

Rat il-kummenti tal-Qorti fl-istess seduta tat-28 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 14 ta’ Frar 2003 a fol. 57 tal-process fejn l-istess konvenuta eccepiet illi:-

(1) L-attur Joseph Spiteri *purche’* ghandu l-kura u l-kustodja effettiva ta’ l-ulied minuri David Jonathan li llum diehel fil-hmistax-il sena tieghu u Luke Spiteri li diehel fl-ghaxar sena tieghu, m’ghandu l-ebda awtorizzazzjoni minn ebda Qorti kompetenti biex jiddikjara lilu nnifsu bhala legittimu rapprezentant ta’ l-istess ulied minuri, li kwindi fic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta’ din l-awtorizzazzjoni ta’ din il-Qorti kompetenti, *in linea preliminari* din ic-citazzjoni ghandha titqies bhala nulla, invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli *stante* li l-attur Joseph Spiteri mhux qed jagixxi f’ismu personalment imma in rapprezentanza ta’ l-ulied minuri li ghalihom ma gab l-ebda awtorizzazzjoni biex ikun jista’ hekk jirraprezentahom.

(2) Illi l-attur Joseph Spiteri u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni *in linea preliminari*, ghandu jigi ordnat, jekk huwa l-kaz, li jesebixxi kopja tal-kuntratt ta’ separazzjoni bonarja li sehhet nhar is-sebgha u ghoxrin ta’ Gunju, tas-sena elfejn (27.06.2000), fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi, peress li tali dokument huwa mportanti fid-dawl ta’ l-eccezzjonijiet ohra li qieghda tissolleva l-konvenuta Jane Spiteri.

(3) Illi *da parte* taghha u ghal kull buon fini, il-konvenuta tirreferi ghal artikolu 4 paragrafu a, b, c, u d ta’ l-istess kuntratt ta’ separazzjoni bonarja citat, li ghadu ma giex esebit fl-atti tal-process ta’ din il-kawza odjerna, u min fejn jirrizulta car li qatt ma kien hemm xi obbligu ta’ manteniment tal-konvenuta li tivversa xi ammont ta’ retta alimentari ghal ulied minuri, anzi ghall-kuntrarju dan l-obbigu kien impost fuq l-attur Joseph Spiteri minghajr bl-ebda mod qatt ma gie modifikat jew emendat u kwindi t-talbiet attrici, minghajr pregudizzju, ghandhom jigu respinti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

(4) Illi *in linea preliminari* wkoll ghaldaqstant din il-kawza hija nulla, ineffettiva, invalida u ma tistax tkun enforzabbli peress li t-talbiet attrici ma jaghmlu l-ebda referenza ghall-

kuntratt ta’ separazzjoni bonarja tas-sebgha u ghoxrin ta’ Gunju, tas-sena elfejn (27.06.2000), u l-ebda referenza li xi artikoli minnu ghandhom jigu modifikati, mibdula, alterati b’mod u manjiera li b’xi mod jispekkjaw it-talbiet ta’ l-attur fic-citazzjoni odjerna, kwindi n-nullita’ tac-citazzjoni.

(5) Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet *in linea preliminari*, il-konvenuta ma hijiex qed ikollha access ghal uliedha minhabba l-impozizzjonijiet li ghamilhom missierhom fil-konfront ta’ ommhom, u fit-tieni lok il-konvenuta ma tahdimx, u m’ghandha l-ebda forma ta’ ntrojtu, izda jghinuha membri tal-familja taghha u xi hbieb.

(6) Illi fic-cirkostanzi, anke fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet *in linea preliminari*, it-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu billi l-konvenuta m’ghandha ebda mezzi li b’xi mod tivversa xi retta alimentari ghal uliedha minuri *stante* li hija ma tahdimx bi qliegh, m’ghandha l-ebda depoziti bankarji, u kif ghadu kif intqal jghinuha biss membri tal-familja u hbieb.

(7) Illi l-konvenuta Jane Spiteri fic-cirkostanzi m’ghandha tbaghti ebda forma ta’ spejjez.

(8) Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 60 sa 63 tal-process.

Rat il-lista ta’ xhieda u l-elenku ta’ dokumenti esebiti konsistenti fil-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet datat 27 ta’ Gunju 2000 minn fol. 63 sa fol. 70 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 14 ta’ Marzu 2003 fej esebixxa l-affidavit tieghu datat 3 ta’ Marzu 2003.

Rat ir-rikors tal-attur datat 19 ta’ Mejju 2003 a fol. 97 tal-process.

Rat id-digriet datata 20 ta’ Mejju 2003.

Rat ix-xhieda ta’ Paul Gambina ghall-Bank of Valletta plc datata 26 ta’ Mejju 2003 a fol. 100 sa fol. 103 tal-process;

liema xhud xehed ukoll fid-19 ta' Gunju 2003 a fol. 161 sa fol. 164 tal-process.

Rat ix-xhieda ta' Edwin Mallia tal-ETC datata 26 ta' Mejju 2003 a fol. 104 sa 108 tal-process u dik tad-19 ta' Gunju 2003 a fol. 156 sa fol. 160 tal-process.

Rat ix-xhieda ta' Catherine Fenech datata 26 ta' Mejju 2003 a fol. 109 sa fol. 1100 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 24 ta' Gunju 2003 a fol. 172 tal-process u d-Digriet datat 25 ta' Gunju 2003 a fol. 173 tal-process.

Rat ix-xhieda ta' l-attur datata 10 ta' Lulju 2003 a fol. 174 sa fol. 181 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2004 filwaqt li l-partijiet inghataw fakolta' li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet fit-termini hemm moghtija, liema nota pero' l-ebda parti ma pprezentat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi dwar l-azzjoni attrici jinghad fl-ewwel lok li l-attur qed jitlob li l-konvenuta bhala omm ghandha l-obbligu li tmantni lil uliedha, u wkoll li jigi ffissat l-ammont ta' l-istess manteniment li l-istess konvenuta ghandha thallas.

Illi jinghad li bejn il-partijiet kien iffirmat kuntratt ta' separazzjoni datat 27 ta' Gunju 2000 fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi (Dok. "FM 1" – fol. 65) fejn ghal dak li jikkoncerna din il-kawza kull parti rrinunzjat ghad-dritt ta' manteniment *verso* l-parti l-ohra, u l-kura u l-kustodja ta' uliedhom David Jonathan u Luke giet fdata f'idejn il-

konvenuta, b'dan li l-attur inghata access liberu ghall-istess ulied. Dwar manteniment ta' l-istess ulied ir-ragel obbliga ruhu li jhallas il-manteniment ta' l-istess fis-somma ta' Lm50 kull hmistax, liema manteniment kellu jizdied skond l-gholi tal-hajja; il-mara kellha tircievi l-hlasijiet tac-*children's allowance* u *family bonuses* u dan kollox skond klawsola 4 ta' l-istess kuntratt.

Illi pero' jirrizulta li wara rikors *da parte* ta' l-attur datat 4 ta' Ottubru 2000 fejn huwa ppremetta li l-konvenuta ma riditx aktar tiehu hsieb l-istess ulied, huwa talab li l-istess kura u kustodja ta' l-imsemmija wlied tigi fdata lilu, b'dan li l-konvenuta jkollha dritt ta' access ghall-istess minuri.

Illi b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 7 ta' Dicembru 2000, inghad li l-Qorti wara li rat ir-rikors, rat id-digriet precedenti, rat li l-intimata debitament notifikata naqset li tirrispondi fiz-zmien moghti lilha, fic-cirkostanzi tilqa' t-talba kif dedotta. Kopja ta' tali digriet tinsab esebita a fol. 7 tal-process.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li llum l-attur ghandu sittin sena mentri l-attrici ghandha tnejn u erbghin. It-tfal David Jonathan li twieled fil-20 ta' Dicembru 1987 ghandu 'l fuq minn sittax-il sena filwaqt li Luke li twieled fil-31 ta' Jannar 1992 ghandu tnax. Ma hemm l-ebda dubju li l-istess ulied llum jghixu mal-missier.

Illi skond l-attur il-konvenuta kienet tara t-tfal biss is-Sibt mis-2:00 p.m. u gibhom lura l-Hadd fid-9:00 a.m. Jghid li kien jahdem mas-socjeta' MTTS Company Limited fejn ghandu paga ta' Lm250 netti fix-xahar. Huwa jsostni li b'dan l-ammont ma' jistax ilahhaq mal-hajja. Kien ghalhekk li talab li l-konvenuta tghinu fil-manteniment. Fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2003 xehed li huwa kien spicca mix-xoghol u ghandu biss Lm38.10 fil-gimgha (Dok. "X1") u jircievi *children's allowance* ta' Lm168 kull tliet xhur. Huwa jghid li ghandu diversi dejn inkluz Lm3,000 self mill-Bank of Valletta plc.

Illi l-attur jallega li martu tahdem bhala *estate agent* mas-socjeta' Doors Limited u esebixxa *visiting card* ta' martu

bhala Dok. “JRP3” u jghid li martu tghid li ghandha 30 % ta’ l-azzjonijiet f’din is-socjeta’. Huwa jghid li martu ghandha karozza Peugeot 206 Reg. No. 985 u dar Block B, 12, Flat 3, Pietru Darmania Street, Pembroke, u biex xtrat din id-dar hadet self ta’ Lm25,000 mill-Bank. Skond huwa beda proceduri legali u ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru. Martu cemplitlu u talabha Lm150 bhala rata ta’ pagament mensili pero’ hija ma accettatx. Iltaqghu l-Qorti fis-7 ta’ Novembru 2002 u jghid li l-mara accettat li thallas Lm50 fix-xahar u l-hwejjeg tat-tfal. Hija hallset l-ammont ta’ Lm300 lill-attur u ffirmat skrittura quddiem l-Avukat Dr. Karmenu Mifsud Bonnici datata 7 ta’ Novembru 2002, li giet esebita bhala Dok. “U2” a fol. 37 tal-process.

Illi l-konvenuta jirrizulta li fil-perjodu mit-8 ta’ Mejju 2000 sa Awissu 2000 kienet tahdem bhala *part-time waitress* f’cafeteria (Dok. “EM” - fol.124). Skond Edwin Mallia ufficjal ta’ l-ETC l-istess konvenuta kienet instabet li kienet qed tahdem fl-ufficini ta’ Bilom fil-11 ta’ Mejju 2001 u giet esebita *business card* tal-konvenuta bhala Dok. “EM 2” u l-*employer* fl-istess ufficju kien qal lil dan l-ufficjali li l-haddiema kienu hemm *on probation* u ma zammhomx.

Illi mir-ricerki bankarji jirrizulta li l-konvenuta kellha kont *savings* mal-HSBC p.l.c. Numru 614282282 li beda b’depozitu ta’ Lm500 fil-25 ta’ Novembru 2000 u li nghalaq fit-8 ta’ Novembru 2002 b’bilanc ta’ Lm6,105.62 (Dok. “CF 1” - fol. 110); kont *loan account* Numru 088114863320 fejn jidher li hemm dejn ta’ Lm3,403.10 sat-22 ta’ Mejju 2003 (Dok. “CF 2” - fol. 110); u kont kurrenti Numru 061153904001 li nfetah ft-30 ta’ April 2002 u gie maghluq fid-9 ta’ Novembru 2002 (Dok. “CF 3” - fol. 110).

Illi l-istess konvenuta kellha *savings account* numru 4001 203 7694 li fih hemm Lm10 – Dok. “PG1”; *Loan Account* 339 06 58 2014 li kien miftuh fl-20 ta’ Marzu 2000 – Dok. “PG 2” - li gie maghluq wara li thallas l-ammont dovut fis-27 ta’ Frar 2001; *House Loan* numru 400 120 59724 li kien infetah fl-1 ta’ Novembru 2002 u fih hemm zbilanc ta’ Lm24,629.89 fit-2 ta’ Gunju 2003 – Dok. “PG 3”.

Illi l-istess konvenuta jidher ukoll li fl-1 ta’ Novembru 2002 fl-ufficini tal-Bank of Valletta p.l.c l-Belt iffirmat kuntratt fejn bih hadet self minghand l-istess bank ta’ Lm25,000 u dahlet f’konvenju sabiex takkwista l-fond, appartament numru 3, fi Block B, Numru 12B, fi Triq Pietru Darmania, Pembroke bil-garaxx internament immarkat numru 2, kollox kif deskritt fl-istess kuntratt esebiet bhala Dok. “KMB 1” a fol. 114 tal-process liema mmobbli kellhom jigu trasferiti bil-prezz sussidjat ta’ Lm22,590 u Lm4,700 ghall-*garage* b’kollox Lm27,290, li minnhom il-konvenuta hallset Lm2,290 u l-bilanc thallas mill-Bank b’delega mill-konvenuta.

**(ii) APRREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti u senjatament ghal dak li jirrizulta li wassal ghall-iffirmar ta’ l-iskrittura datata 7 ta’ Novembru 2002, wara li l-attur kien gja’ fetah il-kawza fit-12 ta’ Lulju 2002, jidher li hemm dizgwid serju bejn il-partijiet. Jigi nnutat li tali skrittura giet iffirmata mill-partijiet quddiem l-Avukat ta’ l-attur Dr. Karmenu Mifsud Bonnici li kien huwa li kiteb l-istess skrittura; dokument li ghandu validita’ legali verament dubjuza peress li ma giex awtorizzat mill-Qorti kompetenti, u dan certament kien hemm bzonn isir *ad validitatem* bl-intervent tal-Qorti kompetenti anke ghaliex kien qed jibdel il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet u kien qed jittratta wkoll dwar manteniment tal-minuri, ulied il-kontendenti.

Illi intant jirrizulta li l-istess konvenuta ghamlet diversi allegazzjonijiet kemm dwar l-istess ftehim u kemm dwar il-komportament tal-attur lejha, fejn takkuzah li kien jippersegwitaha u wkoll li jkun aggressiv lejha. Dan huwa michud mill-attur, pero’ din il-Qorti thoss li bejn l-istess konjugi hemm tensjoni sew, u jidher li f’dan il-litigju gew involuti l-istess ulied. Ghaldaqstant fl-interess ta’ l-ulied, din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex *tramite* s-social workers taghha taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni fejn tikkoncerna l-ulied, u sabiex jigi stabbilit l-access ta’ l-omm ghall-istess minuri almenu kull nhar ta’ Sibt mis-2:00 p.m. sal-Hadd fid-9:00 a.m, b’dan pero’ li l-

minuri David Jonathan minhabba l-eta' tieghu ghandu jithalla jsegwi x-xewqat tieghu f'dan ir-rigward.
Illi dan qed jinghad peress li jidher li sar kambjament fic-cirkostanzi u l-fatti li l-partijiet qablu dwarhom fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom u dan peress li jidher li llum l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri David Jonathan u Luke hija effettivament f'idejn il-missier, bi dritt ta' access favur l-omm, u dan anke wara li l-istess kustodja nghatat lill-atttur permezz tad-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 7 ta' Dicembru 2000. Il-Qorti f'dan l-istadju tikkonferma li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri ghandha tkun f'idejn l-attur bi dritt ta' access favur il-konvenuta b'dan pero' li l-Agenzija Apogg ghandha ssegwi l-progress u l-izvilupp tal-minuri bil-mod kif hawn indikat, inkluz li tissuggerixxi korsijiet addattati ghal-istess minuri, u dan fl-interess ta' l-istess. Din il-Qorti tordna lill-attur sabiex jinnotifika kopja legali u formali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg a spejjez ta' l-attur.

Illi dwar il-manteniment tal-minuri jirrizulta li skond il-kuntratt ta' separazzjoni l-istess attur kien obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta' Lm50 kull hmistax bhala alimenti ghall-istess. Dan ma' baqax jithallas lill-konvenuta mid-data meta l-istess ulied bdew jghixu mieghu fejn imbaghad kienet hi li suppost kellha taghmel tajjeb ghal dan il-manteniment. Meta nfethet il-kawza l-istess attur jghid li kellu ntrojtu nett ta' Lm250 fix-xahar. Illum jghid li huwa bla xoghol u jircievi biss ghajnuna socjali ta' Lm38.10 fil-gimgha ghaliex tilef l-impjieg tieghu, ma jaghtix spjegazzjoni x'wassal ghal dan it-telf ta' mpjieg. Huwa jghid biss li bhalissa qed ifittex ix-xoghol. Huwa jsostni li ma ghandu ebda kapital, ghalkemm konsegwenti ghall-kuntratt ta' separazzjoni jidher li rcieva sehmu mill-bejgh tad-dar konjugali. Pero' huwa naqas milli jsemmi xi nformazzjoni dwar dan. Lanqas qal kemm kien jaqla' paga fid-data meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi min-naha l-ohra ghalkemm ma giex ippruvat kemm ghandha ntrojtu l-konvenuta, jidher car li minkejja l-fatt li hija qalet li ma' tahdimx, din il-Qorti hija konvinta li mill-provi migbura f'din il-kawza certament li ghandha xi forma ta' ntrojtu, *stante* li jidher li saru diversi pagamenti minnha

fil-kontijiet bankarji taghha, u wkoll hadet self sostanzjali mill-bank, u ghamlet pagamenti ohra. Jekk wiehed ihares lejn il-provi fuq riportati, ma hemm l-ebda dubju li l-istess konvenuta ghandha xi forma ta’ mpjieg jew attivita’ li minnha ghandha ntrojtu, ghaliex kieku certament ma’ kienitx tidhol ghall-piz ta’ self li dahlet ghalih. Apparti dan jirrizulta li wara li l-istess konvenuta ghamlet tezi shiha sabiex tinstema’ l-verzjoni taghha minn din il-Qorti, wara li nghatat l-opportunita’ li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha, u wara l-gheluq tal-provi attrici, hija ma ressqet l-ebda prova kwalunkwe, tant li lanqas biss dehret ghas-seduti ffissati appozitament mill-Assistenta Gudizzjarja ghall-provi taghha. Jirrizulta pero’ li hija rtirtat xi ammonti mid-depoziti li kellha l-bank anke fil-mori tal-kawza, inkluz sabiex thallas parti mill-prezz ghall-akkwist jew ahjar ghall-iffirmar tal-konvenju dwar l-immobbli f’Pembroke, fuq indikat.

Illi tenut kont ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-ebda parti ma qalet il-verita’ kollha quddiemha, u dan certament ma jghinx fis-soluzzjoni ta’ din il-pendenza. Dan jitqies li huwa aktar gravi meta wiehed jikkonsidra li din il-kawza titratta dwar manteniment tal-minuri, u l-Qorti tistenna li almenu fuq l-minuri l-istess partijiet jew genituri jippruvaw ifittxu kompromess, almenu fl-interess ta’ wliedhom stess. Certament li dan ma sarx f’dan il-kaz odjern, u sfortunatament din ma hijiex l-unika darba li din il-Qorti qed tghid u tosserva dan.

Illi tenut ghalhekk ic-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti thoss li prevja dak li nghad dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, u wkoll dwar l-access tal-konvenuta ghall-istess minuri, inkluz intervent tal-Agenzija Appogg f’dan il-kaz fl-interess ta’ l-istess minuri, u filwaqt li tosserva li kull parti ma ghandha bl-ebda mod tivvessa lill-parti ohra, thoss li t-talba attrici sabiex l-istess konvenuta tigi ordnata tikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tal-minuri ghandha tigi milqugha. Ghalhekk tordna lill-konvenuta sabiex tissoministra lill-attur ghan-nom ta’ l-istess minuri, bhala sehem il-konvenuta ghall-manteniment ta’ l-istess minuri, l-ammont iffissat *arbitro boni viri* minn din il-Qorti, ta’ sebghin lira Maltija (Lm70) kull erba’ gimghat, b’effett mid-

data ta’ din is-sentenza, pagabbli lill-attur fir-residenza attwali tieghu, kull erba’ gimghat bil-quddiem.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tiddikjara li fl-interess tal-minuri l-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri David Jonathan u Luke ghandha tibqa’ vestita f’idejn l-attur bi dritt ta’ access liberu favur il-konvenuta, b’dan li l-istess access ghandu jkun fil-minimu tieghu u almenu ta’ kull nhar Sibt mis-2:00 p.m. sal-Hadd fid-9:00 a.m. L-istess ulied ghandhom jingabru u jittiehdu mir-residenza ta’ l-attur mill-konvenuta, b’dan pero’ li l-ebda genitur ma ghandu jew ghandha fl-ebda mument jivvessa jew tivvessa jew jew jonqos lill-parti l-ohra, f’kull hin specjalment fil-prezenza ta’ l-istess minuri. Fl-ahharnett minhabba c-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti qed ukoll tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex issegwi l-progress u l-izvilupp tal-minuri bil-mod kif hawn indikat, b’dan li permezz ta’ tas-*social workers* taghha taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni fejn tikkoncerna l-ulied, u dan ukoll sabiex jigi ristabbilit l-access ta’ l-omm ghall-istess minuri almenu kif hawn fuq indikat, b’dan pero’ li l-minuri David Jonathan minhabba l-eta’ tieghu ghandu jithalla jsegwi x-xewqat tieghu f’dan ir-rigward. L-istess *social workers* jistghu wkoll jissugerixxu korsijiet addattati ghall-istess minuri. Din il-Qorti tordna ghalhekk lill-attur sabiex a spejjez ta’ l-attur kopja legali u formali ta’ din is-sentenza tigi notifikata lic-*Chief Executive Officer* ta’ l-Agenzija Appogg, u wara dan kollu, u in vista ta’ l-istess dikjarazzjoni fl-interess suprem tal-minuri, **tilqa’ t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenuta hija obbligata li tikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ l-istess minuri wliedha David Jonathan u Luke.

(2) Tillikwida l-manteniment hekk pagabbli mill-istess konvenuta lill-attur ghall-htigijet ta’ l-imsemmija tfal minuri David Jonathan u Luke, *arbitro boni viri* fl-ammont iffissat minn din il-Qorti ta’ sebghin lira Maltija (Lm70) kull erba’

gimghat, b'effett mid-data ta' din is-sentenza, pagabbli lill-attur mill-konvenuta fir-residenza attwali tieghu, kull erba' gimghat bil-quddiem.

(3) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur *nomine* bhala l-kontribuzzjoni taghha ghall-manteniment ta' l-istess minuri l-ammont ta' sebghin lira Maltija (Lm70) kull erba' gimghat, b'effett mid-data ta' din is-sentenza, kif hawn fuq indikat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici, minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------